MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tat-2 ta' Frar, 2011

Rikors Numru. 68/2009

**Fl-atti tar-rikors numru 1/2008**

**The Catering Company Ltd (C-9806)**

**Vs**

**Rosario Tabone et**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta' ritrattazzjoni li bih Rosario Tabone (ID 408967M) wara li ppremetta illi:

1. Permezz ta' dan ir-rikors ir-ritrattant qieghed umilment jitlob ir-ritrattazzjoni tas-sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti fit-13 ta' Novembru 2008 fl-ismijiet, The Catering Co Ltd vs Rosario Tabone et, fejn l-esponent kien gie kkundannat jhallas s-somma ta' €8418.87 ad favor s-socjeta' attrici, u dan wara li l-istess esponent allura ritrattant kien kontumaci waqt l-istess proceduri;

2. Illi r-ritrattant qieghed jipprezenta dan ir-rikors a tenur tal-artikolu 811(a) u (b) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta peress illi s-sentenza hawn fuq msemmija kienet mittiehda b'qerq mis-socjeta' attrici bi hsara ghall-esponent hekk kif titlob il-Ligi u oltre' il-persuna notifikata fil-kawza cjoe Claudia Tabone (illum Spiteri Sacco) ghalkemm wahda mill-intimati, ma kienetx persuna awtorizzata li tkun rapprezentanta jew mart l-esponent Rosario Tabone;
3. Illi b'hekk ir-ritrattant qieghed jinterponi minn dan il-mezz staordinarju tar-ritrattazzjoni peress illi huwa isseparata legalment minn ma eks mara tieghu cjoe Claudia Spiteri Sacco nhar il-24 ta' Ottubru 2007 u dan permezz ta' kuntartt ippubblikat minn Nutar Dr Robert John Muscat li kopja tieghu qed tkun hawn annetta u mmarakta bhala Dok 'A' . In segwitu tas-separazzjoni l-esponent qata kull kuntatt li kellu ma l-eks mara tieghu cjoe Claudia Spiteri Sacco, u li b'hekk l-istess notifika lilha Claudia qatt ma setghet jew effettivament swiet ta' notifika effettiva ghal istess ritrattant Rosario Tabone.
4. Illi l-esponent ritrattant lanqas ma kellu l-possibilta' illi jinterponi appell min dina s-sentenza u dan ghalhiex huwa sar konxju biha ferm wara li ghalaq t-terminu preskritt mill-Ligi cioe l-ghoxrin jum preskritti mill-Ligi dwar appelli'

Talab illi a bazi tal-premess

1. Tiddikjara illi a bazi tal-premess jezistu ragunijet validi ghal ritrattazzjoni skond kif tikkontempla l-Ligi a tenur tal-artikolu 811 (a) u (b) tal-Kap 12 tal-Ligjiet ta' Malta;
2. Thassar u tannulla u tirrexxindi u tirrevoka s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet, *The Catering Co Ltd vs Rosario Tabone et*;
3. Tordna s-smiegh mill-gdid tal-kawza hawn fuq imsemmija.

Bl-ispejjes u b'riserva ta' kull azzjoni tal-Ligi.

Rat l-att pubbliku anness mal-istess rikors a fol 3 et seq ibid u markat Dok A konsistenti fl-att ta' separazzjoni bejn

Claudia Tabone u Rosario Tabone ppublikat fis-17 ta' Ottubru 2007 u insinwat fl-24 ta' Ottubru 2007.

Rat is-sentenza in esami moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-13 ta' Novembru 2008 (fol 17 et seq ibid) kif ukoll l-atti relattivi ghall-istess sentenza annessi mal-istess atti.

Rat ir-rikors a fol 15 tal-istess atti.

Rat ir-risposta tal-istess socjeta intimata in rigward it-twaqqif tal-esekuzzjoni tal-istess sentenza (fol 22 ibid) u li biha esponiet bir-rispett:-

Illi din hija risposta għal -rikors li sar minn Rosario Tabone illi permezz tiegħu talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tissospendi l-eżekuzzjoni u l-proċeduri kollha sussegwenti u relattivi tas-sentenza parzjali fl-ismijiet "The Catering Company Limited v Rosario Tabone *et*" sakemm ikun definittivament ittrattat u deċiż ir-rikors ta' ritrattazzjoni ippreżentat minnu kontestwalment.

Illi l-esponenti tagħmilha ċara illi din ir-risposta hija mingħajr preġudizzju għar-risposta/eċċezzjonijiet li sejra titressaq fil-jiem li ġejjin għar-rikors ta' ritrattazzjoni ta' Rosario Tabone. Ir-risposta preżenti għalhekk sejra tindirizza unikament it-talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenza u mhux il-mertu tat-talba għar-ritrattazzjoni.

Fuq nota preliminari wkoll jiġi rilevat għal kull buon fini illi isem l-attriċi huwa "The Catering Centre Company Limited" u mhux "The Catering Company Limited", kif erronjement hemm indikat fil-verżjoni "online" tas-sentenza ritrattata.

Illi l-esponenti tikkontesta bil-qawwa t-talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenza għar-raġunijiet li ser jiġu esposti.

Illi jingħad qabel xejn illi l-proċedura ta' ritrattazzjoni dejjem tqieset mill-Qrati nostrani bħala waħda straordinarja [1] u li għandha tiġi applikata biss f'ċirkustanzi "arġinati għal dawk tassattivament indikati mil-liġi" [2] għaliex mhux leċitu illi terġa' tinfetaħ beraħ vertenza illi tkun saret *res judicata*. Dan il-prinċipju bażilari proċedurali huwa rifless fil-fatt illi rikors għal ritrattazzjoni ta' kawża minnu nnifsu "ma jwaqqafx l-eżekuzzjoni tas-sentenza attakkata" [ara artiklu 823(1) tal-Kap 12] imma għandu jsir rikors appożitu.

Illi ai termini tal-Artiklu 823 tal-Kap 12 il-Qorti għandha s-setgħa illi twaqqaf l-eżekuzzjoni tas-sentenza ritrattata **biss jekk jintlaħqu numru ta' rekwiżiti li huma kumulattivi u mhux alternattivi.** Dawn jistgħu jinġabru kif ser jingħad:

(i) <u>Flimkien mat-talba</u> ir-rikorrenti għandu jagħti garanzija tajba għall-eżekuzzjoni tas-sentenza, jekk ma tiġix imħassra, magħduda dik il-garanzija kif imsemmija fl-artikolu 266(10). [ara Art 823(2)(a)] Il-każistika iċċarat illi din il-garanzija mhijiex biss garanzija għall-ispejjeż tal-kawża, imma addirittura **garanzija li tagħmel tajjeb għal dak li ġie ordnat fis-sentenza ritrattata.**[3] F'dan il-każ mela il-garanzija għandha tkopri is-sorte sħiħ ta' € 8,418.87, oltre imgħaxijiet u spejjeż.

(ii) Xi każistika tistabilixxi illi l-garanzija ma hemmx għalfejn tingħata kontemporanjament mat-talba jew qabel l-ewwel smiegħ **purké l-garanzija idonea trid ċertament tingħata *qabel* ma l-Qorti tagħti ordni għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenza**:

S'intendi, jekk ir-rikorrent jibqa' ma jgibx garanzija jew jekk din il-Qorti tkun tal-fehma li tali garanzija ma tkunx, fiċ-

---

[1] Salvino Testaferrata Moroni Viani *et* v David Vella *noe* , Qorti tal-Appell (Superjuri), 24 ta' Settembru, 2004, fejn hemm referenza għall-każistika ulterjuri

[2] "Dottor Paul Mallia noe –vs- Vincenza xebba Camilleri", Appell Civili 2 ta' Lulju 1975). Ikkwotata f'Michael Cutajar v Roberta Muscat, Qorti tal-Appell (Inferjuri), 12 ta' Mejju, 2003

[3] Kunsill Lokali Mellieħa et v Central Mediterranean Development Limited iet, Appell Superjuri, 18.10.2005

ċirkostanzi kollha tal-kaz, wahda "tajba" ghall-finijiet u effetti kollha tal-imsemmi paragrafu 823(2)(a), din il-Qorti ma jkollhiex alternattiva hlief li tiċħad it-talba tar-rikorrent …[4]

(iii) Irid jiġi muri għas-sodisfazzjon tal-Qorti illi l-eżekuzzjoni tas-sentenza aktarx tikkaġuna preġudizzju akbar lil dik il-parti mit-twaqqif tal-eżekuzzjoni tkun tikkaġuna lill-parti kuntrarja [Art 823(2)(b)].

(iv) Il-Qorti irid ikollha "raġuni tajba" sabiex tagħti l-ordni għat-twaqqif tal-eżekuzzjoni tas-sentenza. [Art 823(4)]

L-esponenti tissottometti illi r-rikorrent Rosario Tabone ma seħħlux jilħaq dawn ir-rekwiżiti u t-talba tiegħu għandha għalhekk tiġi miċħuda.

Rigward il-garanzija:

Fir-rikors tiegħu, Tabone jistqarr illi "in sostenn ta' dan ir-rikors, l-esponent umilment qiegħed jagħti l-garanziji appożiti kif mitlub mil-Liġi." Huwa però la jispjega x'inhuma dawn il-garanziji u wisq anqas iġib prova li fornihom.

Illi billi f'dan il-każ is-sentenza ritrattata ordnat ħlas ta' somma ta' € 8,418.87, oltre imgħaxijiet u spejjeż, garanzija idonea tista' tkun biss depożitu tas-somma totali fir-reġistru tal-Qorti jew garanzija Bankarja illi tkopri dawn l-ammonti u ammont li jkopri l-imghaxijiet ulterjuri li jakkumulaw tul il-proceduri.

Illi ma nġabet ebda prova li saret tali garanzija.

Illi l-esponenti umilment tissottometti illi, ai termini tal-Artiklu 823(2)(a) tal-Kap 12 din il-garanzija kellha tinġab **flimkien mat-talba** u mhux f'xi stadju ulterjuri**.** Mingħajr preġudizzju għal dan però, jekk wieħed jasal biex jaċċetta illi dan mhux neċessarju *ad validitatem*, xorta jibqa' l-fatt illi tali garanzija idonea trid tiġi provduta **qabel ma din l-**

[4] Carmela sive Carrie Micallef v Alfred Mangion, Appell Superjuri 02.06.2005

**Onorabbli Qorti tgħaddi għad-digriet tagħha dwar ir-rikors preżenti.** Altrimenti, l-esponenti umilment tissottometti illi "din il-Qorti ma jkollhiex alternattiva hlief li tiċħad it-talba tar-rikorrent …"[5]

<u>Rigward ir-raġunijiet tat-twaqqif tal-eżekuzzjoni</u>

Illi sussidjarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrent Tabone ma ġab ebda ħjiel ta' prova jew imqar sottomissjoni li turi illi hemm "raġuni tajba" għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenza u li huwa se jsofri preġudizzju akbar bl-eżekuzzjoni milli se ssofri l-kumpanija esponenti bis-sospensjoni.

Illi r-rikorrenti għażel illi, f'rikors ta' biss paġna, sempliċiment jgħid illi fetaħ proċeduri ta' ritrattazzjoni u jiddikjara illi għalhekk "qiegħed jitlob it-twaqqif tal-eżekuzzjoni tas-sentenza". Dan mhux biżżejjed. Il-liġi timponi tassattivament illi r-rikorrenti juri u jikkonvinċi lil din l-Onorabbli Qorti li se jsofri preġudizzju u li hemm raġunijiet serji li jiġġustifikaw it-talba tiegħu.

Illi l-esponenti umilment tissottometti illi anke fid-dawl ta' dan in-nuqqas it-talba għandha tiġi miċħuda.

Illi minkejja illi l-oneru li jintwera "preġudizzju" qiegħed fuq ir-rikorrent Tabone u mhux fuq l-esponenti, l-esponenti tħoss illi għal kull bwon fini jkun opportun illi tispjega x'inhuma l-fatti illi taw lok għal dan il-każ.

Illi fil-qosor The Catering Centre Company Limited, biegħet merkanzija konsistenti f'*catering equipment* lil Rosario Tabone u martu Claudia għal użu f'lokal ġestit minnhom bl-isem "The Cherry Tree Pub".

Illi, meta kien għad fadlilhom iħallsu lill-esponenti bilanċ ta' € 8,418.87 huma, bi ksur ta' ftehim bil-miktub illi kienu għamlu mal-esponenti, biegħu lil terzi l-fond The Cherry

[5] Carmela sive Carrie Micallef v Alfred Mangion, Appell Superjuri 02.06.2005

Tree Pub, bil-mobbli kollha li kien fih **inkluż il-catering equipment illi kien għadu mhux imħallas.**

Illi irriżulta mill-provi miġbura fil-kawża li tagħha qed tintalab ir-ritrattazzjoni li dan il-bejgħ sar fl-Lulju, 2007 għas-somma ta' € 931,749.35, imma madanakollu ma sarx il-ħlas lill-Catering Centre Company Limited minkejja diversi interpellazzjonijiet.

Illi issa jirriżulta ulterjorment mill-istess kuntratt ta' separazzjoni eżebit fl-atti tal-proċeduri tar-ritrattazzjoni illi il-konjuġi Tabone għandhom eluf kbar ta' Euro f'debiti ma' diversi kredituri fosthom il-banek u inoltre illi huma għandhom l-intenzjoni jiddisponu minn proprjetajiet illi għandhom illi huma ġa gravati b'ipoteki.

Illi dan kollu ma jistax ma jħassibx u ma jinkwetax lil The Catering Centre Company Limited partikolarment wara illi l-attentati li saru s'issa biex tiġi enfurzata s-sentenza (tramite mandat ta' sekwestru) kellhom eżitu negattiv.

Illi fid-dawl ta' dan, l-esponenti umilment tissottometti illi kemm ir-rikors ta' ritrattazzjoni u kemm ir-rikors għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenza huma biss attentat biex jitwalu l-proċeduri u biex ir-rikorrenti jaħrab mill-obbligi tiegħu versu The Catering Centre Company Limited.

Għaldaqstant l-esponenti umilment tissottometti illi r-rikors ta' Rosario Tabone għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontra tiegħu.

Rat <u>ir-risposta</u> ghar-rikors ghal ritrattazzjoni da parti ta' <u>Rosario Tabone wahdu</u> u li biha eccepixxa bir-rispett:

**1. Illi preliminarjament ir-rikorrenti jeħtieġlu jiċċara l-premessi tat-talbiet tiegħu.**

1.1 Ir-rikorrenti qed jallega "qerq" però ma indika bl-ebda mod f'hiex jikkonsisti dan l-allegat qerq u minn fejn jirriżulta.

1.2 Illi dan iqiegħed lill-esponenti f'impossibilità li tiddefendi ruħha adegwatament għax hija rinfaċċjata biss minn dikjarazzjonijiet ġeneriċi u allegazzjonijiet bla bażi.

**2. Illi preliminarjament ukoll ir-rikorrenti jrid jipprova illi irrispetta t-termini fl-artiklu 818 tal-Kap 12.**
2.1 Illi r-rikorrenti jeħtieġlu juri illi huwa ippreżenta dawn il-proċeduri entro t-terminu ta' tliet (3) xhur skond l-artiklu msemmi.

**3. Illi r-rikorrent ma jistax jinvoka l-artikolu 811(a) stante li mhux minnu li s-sentenza attakkata ittieħdet b' "qerq".**

3.1 Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, huwa r-rikorrenti illi jrid jipprova "qerq" ai termini tal-artiklu 811(a).
3.2 Illi l-esponenti tiċħad bil-qawwa kollha li kien hemm xi qerq min-naħa tagħha.

**4. Illi r-rikorrenti lanqas jista' jinvoka l-artikolu 811(b) stante li fil-kawża li tagħha qed tintalab ir-ritrattazzjoni ir-rikorrent kien ġie validament notifikat u, fi kwalunkwé każ huwa kien jaf bil-kawża kif ser jiġi muri.**

4.1 Illi jidher illi n-notifika ta' Rosario u Claudia Tabone saret permezz ta' notifika f'idejn Claudia Tabone fl-indirizzz "Clarosa", Triq il-Ħġejjeġ, Buġibba.
4.2 Illi dan il-fond fejn saret in-notifika, kif jidher mill-istess ftehim ta' separazzjoni eżebit mir-ritrattand, għadu propjetà taż-żewġ konjuġi u mhux xi proprjetà assenjata lill-mara.
4.3 Illi l-artiklu 187 tal-Kap 12 jistabilixxi illi hija notifika valida dik li ssir "f'idejn membru tal-familja". Is-separazzjoni ma tħollx iż-żwieġ u għalhekk in-notifika għandha titqies valida, speċjalment meta jidher illi l-konjuġi għad għandhom kuntatt bejniethom minħabba l-aċċess għat-tfal minuri.
4.4 Illi mingħajr preġudizzju għal dan l-esponenti tirrileva li r-rikorrent, kien jaf bil-kawża biss biss għaliex sar mandat ta' sekwestru kawtelatorju illi laqat kontijiet bankarji tiegħu.

4.5 Illi fl-aħħarnett u mingħajr preġudizzju, ai termini tal-ftehim tad-29 ta' Marzu, 2006 illi abbażi tiegħu l-esponenti intavolat il-kawża 01/2008, il-kumpraturi intrabtu "to notify the Company in writing of any change in the Purchaser's address". Jekk Rosario Tabone tassew mar joqgħod f'indirizz Marsaxlokk huwa kellu obbligu li jinforma lill-esponenti u issa ma jistax japprofitta minn nuqqas kuntrattwali tiegħu u jallega li kellu jiġi notifika f'dak l-indirizz.

**5. Salvi eċċezzjonijiet oħra li jistgħu jitressqu mill-intimata skond il-liġi,** partikolarment wara li r-rikorrent jispjega u jiċċara l-kawżali tiegħu.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li huwa minn issa nġunti għas-subizzjoni.

Rat is-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif presjeduta, fid-19 ta' April 2010 u li biha l-istess Qorti laqghet it-talbiet in esami ghar-ragunijiet hemm premessi u ghalhekk ordnat li dan il-kaz jinstema' mill-gdid fil-konfront biss tal-istess Rosario Tabone.

Rat ir-rikors promotur numru 1/08SM li bih is-socjeta' rikorrenti talbet sabiex l-intimati jghidu il-ghaliex m'ghandhomx ihallsu s-somma ta' tlett elef sitt mija u erbatax-il lira Maltija u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm3614.22) ekwivalenti ghal €8418.87) dovuti minnhom lir-rikorrenti bhala bilanc mill-prezz ta' catering equipment ittrasferit mir-rikorrenti lill-intimati Rosario u Claudia Tabone, ghal uzu fil-lokal 'The Cherry Tree Pub' ta' Triq il-Pijunieri, Bugibba, permezz ta' ftehim ta' *hire-purchase* datat 29 ta' Marzu 2006 (kopja annessa bhala Dok CC1). Din it-talba ghal hlas qieghda tigi indirizzata wkoll lill-intimat Mario Schembri, stante illi huwa sussegwentement xtara minghand l-intimati konjugi Tabone il-fond Cherry Tree, inkluz l-avvjament u l-apparat kollu li jinsab fil-hanut, u dan minkejja li kien jaf illi ghad fadal bilanc x'jithallas mill-konjugi Tabone lir-rikorrenti u illi skond il-ftehim ta' *hire purchase* il-*catering equipment* ma setax jinbiegh minghajr il-permess tar-rikorrenti.

L-intimati naqsu li jhallsu l-bilanc mitlub minkejja li gew interpellati diversi drabi, inkluz b'ittra legali tal-25 ta' Ottubru 2007 (Dok CC2).

Bl-ispejjez gudizzjarji u *extra*-gudizzjarji relattivi ghal dit-talba, inkluz ta' l-ittra legali imsemmija, u tal-mandati ta' qbid u sekwestru kawtelatorju pprezentati kontestwalment, kif ukoll bl-imghax legali mid-data ta' kull fattura sal-pagament effettiv, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verbalizzat a fol 57, 58 u fol 59 tal-istess atti.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi kif jidher mir-rikors promotur is-socjeta' rikorrenti qed titlob il-hlas tas-somma hemm indikata dovuta lilha mill-intimati bhala bilanc ta' prezz fuq 'catering equipment' ittrasferit lill-konjugi Tabone, illum separati.

Dwar dan l-istess Qorti, kif premess kienet awtorizzat u ordnat li ssir ir-ritrattazzjoni tas-sentenza msemmija moghtija mill-istess Qorti, kif diversament presjeduta. Pero mid-data ta' meta nghatat is-sentenza in konness mar-ritrattazzjoni ta' dan il-kaz wara talba ta' Rosario Tabone, dan il-konvenut kif jidher mill-verbali tas-seduti tas-16 ta' Gunju 2010 u tat-13 ta' Novembru 2010, jidher li l-istess Rosario Tabone kien qata' kull kuntatt li kellu mal-Avukat difensur tieghu.

Illi, sallum, l-istess Rosario Tabone ma ppresetna l-ebda risposta bil-miktub sabiex jindika l-ghala qed jikkontesta t-talba attrici. Inoltre kif jidher mill-atti tal-kawza numru 1/2008SM hemm annessi, <u>David Theuma</u> (fol 17 et seq ibid) spjega kif l-ammont mitlub hu dovut mill-konjugi Tabone. Jigi notata illi kif jidher a fol 10 tal-istess atti, skond l-att ta' separazzjoni msemmi insinwat fl-24 ta' Ottubru 2007, ftit qabel ir-rikors promotur, il-konjugi Tabone kienu ftehmu li d-dejn tal-kunsinnjarju tal-akkwisti inkluz dejn ma' 'suppliers' kellhom jithallsu nofs bin-nofs bejniethom.. Izda jidher evidenti li d-dejn in kwistjoni hu

wiehed ta’ natura kummercjali u ghalhekk ghandha topera, f’dan il-kaz, is-solidarjeta bejn l-istess konjugi (ara ukoll il-ftehim anness mar-rikors promotur a fol 2 sa fol 5 ta’ dawk l-atti) debitament ffirmat mill-istess konjugi Tabone.

Ikkunsidrat

Illi, ghalhekk, it-talba attrici ghandha tigi akkolta fil-konfront ta’ Rosario Tabone, bhala dejn solidali ma’ martu.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa’ t-talbiet in esami u tikkundanna lill-intimat, Rosario Tabone, sabiex jhallas ‘in solidum ma’ martu, Claudia Tabone is-somma ta’ Lm3614.22 ossija €8418.87 bl-imghax legali mid-data ta’ kull fattura kif risultanti mid-dokument a fol 26 tar-rikors numru 1/08SM sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjes gudizzjarji u extra-gudizzjarji inklusi dawk tal-ittra legali tal-25 ta’ Ottubru 2007 u tal-mandati kawtelatorju ta’ qbid u ta’ sekwestru tal-17 ta’ Dicembru 2007.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------